MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 213/2002

Il-Pulizija

(Spettur M. Buttigieg)

Vs

Lawrence Azzopardi

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:
1) fil-5 ta' Lulju, 2002 ghall-habta tal-20.05 f'Magazine Street, Floriana, saq vettura numru GSB 001 minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt;
2) talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, Sec 15 (1) (a) (3)

Chap 65 jew minghajr licenzja specifikata ghall-imsemmija vettura;
3) talli ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.
Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat milli ttieh u jew ikollu ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 15, 18 tal-Kap 65, l-Artikolu 3 tal-Kap 104 sabitu hati ta' l-istess. Rat ukoll l-Artikoli 17 u 37 tal-Kap 9, u mmultatu s-somma ta' LM 50. Skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal sena minn meta jaghlaq tmintax-il sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat tas-26 ta' Settembru, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha dwar ir-reita u l-piena pekunarja u tirrevokha ghal kumplament u hekk tigi amministrata l-gustizzja skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li la l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali w lanqas l-artikolu 15 tal-Kap. 65 ma jghidu illi l-Qorti tista' tipposponi s-sospensjoni tal-licenzja ghal data li jidhrilha . Jekk wiehed jara fil-parti generali tal-Kodici taghna , l-kwistjoni tas-sentenzi huma applikabbli mmedjetament u skond l-artikolu 416 tal-Kodici l-parti tista' titlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza b'talba li ssir quddiem il-Qorti , pero' altrimenti s-sentenzi jkunu esegwiti immedjetament . Dan japplika kemm ghall-pieni karcerarji , kemm ghall-pieni pekunjarji w ma hemm ebda distinzjoni legali li tikkoncedi tali poter lil Qorti li tipposponi s-sospensjoni tal-licenzja. Il-Qorti ghalhekk , jekk riedet tapplika s-sospensjoni tal-licenzja kellha tapplikha mid-data meta hija ppronunzjat ruha fil-parametri w poteri mghotija mill-ligi . Inkella tkun qed tinghata piena akbar minn dik prevista mill-ligi w s-sospensjoni wara li jaghalaq it-tmintax il-sena tkun tfisser li hu ma jkunx jista' jsuq ghall-periodu itwal mis-sospensjoni li tkun inghatat fis-sentenza ghax mall-periodu tas-sospensjoni jkun irid

jizdied il-periodu ta’ stennija sakemm dak li jkun jaghalaq it-tmintax il-sena.

Semghet it-trattazzjoni fis-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2002 ;

Ezaminat l-atti processwali ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-appell qed jigi limitat biss ghad-data minn meta kellha tibda tapplika s-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan tal-appellant ghal zmien sena , u cioe’ hux immedjetament mas-sentenza jew inkellha kif ordnat l-Ewwel Qorti w cioe’ minn meta l-appellant jaghalaq it-tmintax il-sena.

Illi l-appellant qed jibbaza l-argument tieghu favur applikazzjoni mmedjata tas-sospensjoni fuq l-artikoli 30 u 416 tal-Kodici Kriminali w l-artikolu 15 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi huwa minnu li l-artikolu 30 tal-Kodici Kriminali ma jaghti ebda setgha espressa lill-Qorti li tipposponi d-data effettiva ta’ sospensjoni ta’ licenzja li tigi sospiza taht l-istess artikolu , meta persuna tinstab hatja ta’ uzu ta’ xi vettura li biex tintuza tista’ tinhareg licenzja. Kull ma jghid dan l-artikolu hu li l-Qorti tista’ , barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet hatja , tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb “ghal dak iz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq” dik il-licenzja.

L-artikolu 416 tal-Kap.9 citat mill-appellant umbaghad jiddisponi biss dwar il-mod kif wiehed jista’ jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta’ sentenza biex ikun jista’ jappella w ma tantx jitfa‘ dawl fuq il-punt in kontestazzjoni fil-fehma ta’ din il-Qorti.

Skond din il-Qorti l-artikolu aktar rilevanti huwa l-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:-

“Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 28A u d-dispozizzjonijiet ta’ dan il-Kodici dwar il-hlas ta’ pieni ta’ flus , kull decizjoni ghandha tigi esegwita minnufieh li tinghata “

Min dan jidher li l-unika eccezzjoni ghal din ir-regola hija dik mahsuba fis-sentenza sospiza ta’ prigunerija kontemplata fl-artikolu 28A u l-kazijiet fejn ikun hemm sentenza ta’ kundanna ghall-hlas ta’ flus u fejn il-Qorti , ghal raguni li ghandha tigi registrata , tordna lill-persuna kkundannata li thallas l-ammenda jew il-multa f’dak iz-zmien li jigi stabilit mill-Qorti fis-sentenza jew b’mod rateali w dana a tenur tal-artikolu 14 tal-Kodici Kriminali .

Illi umbaghad wahda mill-ligijiet specjali li tirregola r-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni u cioe’ l-Kap. 104 jiddisponi b’mod car fl-artikolu 3 (2A) li :-

“Kull min jinstab hati ta’ reat taht dan l-artikolu ghandu ......jigi skwalifikat milli jkollu jew
li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ tnax il-xahar MID-DATA LI JKUN MISJUB
HATI.” (emfasi ta’ din il-Qorti ).

L-artikolu umbaghad ikompli jzid li meta l-esekuzzjoni tas-sentenza li biha wiehed jinstab hati titwaqqaf wara li min ikun instab hati jiddikjara li bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza , z-zmien tal-iskwalifika jibda ghaddej , jekk din tigi konfermata jew imnaqqsa b’decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali MID-DATA TA’ DIN ID-DECIZJONI “ (emfasi tal-Qorti) .
L-istess jghid l-artikolu 60 tal-Kap. 65 li tahtu instabet htija skond l-artikolu 15 (1) (a) fuq it-tieni imputazzjoni u cioe’ li jekk esekuzzjoni ta’ sentenza li tordna skwalifika skond is-subartikolu (2) jew (3) tal-artikolu 15 ...tkun sospiza billi jkun hemm intenzjoni dikjarata tal-persuna misjuba hatja li tkun ser taghmel appell minn dik is-sentenza , il-periodu ta’ skwalifika jew sospensjoni ghandu jibda jghaddi :-

“jekk l-imsemmija sentenza tigi konfermata jew imnaqqsa b’sentenza tal-Qorti tal-Appell,

mid-data ta’ din is-sentenza.”

Dan ifisser li anki jdejn il-Qorti tal-Appell hija marbuta bil-ligi minn meta s-sospensjoni jew skwalifika ghandha tibda tiddekorri w , ghalkemm , kuntrarjament ghal-Kap. 104 , l-artikolu 15 u 60 tal-kap.65 ma jghidux espressament li l-iskwalifika ghandha tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza tal-prim’ istanza , dan hu implikat mill-istezura tal-artikolu 60 li hija identika ghal dik tal-artikolu 3 (2A) tal-Kap.104.

Illi ghalhekk , apparti l-principji generali li jinsabu fil-Kodici Kriminali , l-artikolu 3 tal-Kap.104 jaghmilha cara w espressa bla ma jhalli ebda dubju li sentenza ta’ sospensjoni tal-licenzja ghall reat bhal dak in dizamina trid tibda tiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti w mhux minn xi data aktar il quddiem . U f’kaz bhal dan , fejn ikun sar appell ,kemm taht il-kap.65 kif ukoll taht il-kap.104, it-terminu tas-sospensjoni umbaghad jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-appell .

Ghalhekk bir-rispett l-Ewwel Qorti ma setghetx tordna li s-sospensjoni tibda’ tiddekorri wara li l-appellant jaghalaq it-tmintax il-sena kif ghamlet fis-sentenza appellata ghax dan kien imur espressament kontra l-vot tal-ligi kif espress bl-aktar mod car fl-artikolu 3 tal-Kap.104.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa’ l-appell biss u limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b’ dan li tirrevokha fil-parti fejn ordnat li l-iskwalifika tal-appellant milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan tkun ghal sena minn meta jaghalaq it-tmintax il-sena w minnflok tordna li l-istess skwalifika ta’ sena tibda tiddekorri mid-data tal-lum 23 ta’ Jannar, 2003 u dana ai termini tal-artikolu 3 (2A) (a) tal-Kap. 104, u tal-artikolu 60 tal-Kap.65, u tikkonfermha in kwantu ghall-kumplament taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------